Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 34/16

**AVVIŻI**

**21 ta' Awwissu 2016**

Nhar it-Tlieta bejn l-10am u nofsinhar ikun hawn Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Knisja.

Nhar il-Ħamis fis-7pm jkun hawn il-quddiesa bis-sehem tat-tfal u wara jkun hemm ħin ta' logħob għal kulħadd.

Infakkru lill-għarajjes li għandhom il-ħsieb li jiżżewwġu li sentejn qabel għandhom jieħdu sehem fil-Kors ta' Kana u sitt xhur qabel jagħmlu l-kors ta' tħejjija mill-qrib. Nistednuhom biex ma jħallux għall-aħħar biex japplikaw. Għal aktar dettalji ikkuntattjaw lill-kappillan.

Il-ġenituri li uliedhom jattendu għall-katekeżi fil-parroċċa qegħdin jirċievu ittra bil-programm id-dar. Sa ssir laqgħa importanti għall-ġenituri kollha nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru. Dakinhar ikunu jistgħu jinkitbu t-tfal ġodda wkoll. Infakkru li l-kors ta' katekeżi huwa twil sitt snin li t-tfal kollha għandhom jattendu b'mod regolari għalihom kollha.

Minn ħdejn il-bibien tal-Knisja tistgħu tieħdu kopja tar-rivista "Flimkien".